

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B**

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-30 ta' Novembru 2006

li tapprova l-programmi għall-eradikazzjoni u monitoraġġ ta' ċertu mard ta' l-animali, ta' ċerti TSEs, u għall-prevenzjoni taż-żoonosi ppreżentati mill-Istati Membri għas-sena 2007

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 5677)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2006/875/KE)

(ĠU L 142M, 5.6.2007, p. 649)

Emendata minn:

Ġurnal Uffiċjali

		Nru	Pàġna	Data
► <u>M1</u>	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/22/KE tat-22 ta' Diċembru 2006	L 219M	32	24.8.2007
► <u>M2</u>	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/851/KE ta' l-10 ta' Diċembru 2007	L 335	47	20.12.2007



DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-30 ta' Novembru 2006

li tapprova l-programmi għall-eradikazzjoni u monitoraġġ ta' ċertu mard ta' l-annimali, ta' ċerti TSEs, u għall-prevenzjoni taż-żoonosi ppreżentati mill-Istati Membri għas-sena 2007

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 5677)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2006/875/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 24(6) u l-Artikoli 29 u 32 tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tipprovdi għall-possibiltà ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità fl-eradikazzjoni u l-monitoraġġ tal-mard ta' l-annimali u ta' kontrolli bl-għan li jipprevenu ż-żoonosi.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jistipola regoli għall-prevenzjoni, il-kontroll u l-eradikazzjoni ta' ċerti enċefalopatiji sponġiformi li jinxtardu ⁽²⁾, jipprovdi għall-programmi ta' kull sena għall-monitoraġġ u l-eradikazzjoni ta' enċefalopatiji sponġiformi li jinxtardu (TSEs) fl-annimali bovini, ovini u kaprini.
- (3) L-Istati Membri ressqu programmi għall-eradikazzjoni u l-monitoraġġ ta' ċertu mard ta' l-annimali, għall-prevenzjoni ta' żoonosi u għall-eradikazzjoni u monitoraġġ tat-TSEs fit-territorji tagħhom.
- (4) Wara eżaminazzjoni ta' dawn il-programmi huma instabu f'konformità mal-leġiżlazzjoni veterinarja Komunitarja rilevanti u b'mod partikolari mal-kriterji tal-Komunità relatati ma' l-eradikazzjoni ta' dak il-mard, fi qbil mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/638/KEE tas-27 ta' Novembru 1990 li tistipola kriterji tal-Komunità għall-eradikazzjoni u l-monitoraġġ ta' ċertu mard ta' l-annimali ⁽³⁾.
- (5) Dawn il-programmi jidhru fil-lista tal-programmi stabbiliti mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/687/KE tat-12 ta' Ottubru 2006 dwar programmi li jikkwalifikaw għall-kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja fl-2007 għall-eradikazzjoni u l-monitoraġġ ta' ċertu mard ta' l-annimali, għall-prevenzjoni taż-żoonosi, għall-monitoraġġ tat-TSEs kif ukoll programmi għall-eradikazzjoni tal-BSE u l-*israpie* ⁽⁴⁾.
- (6) Fid-dawl ta' l-importanza ta' dawk il-programmi għall-ksib ta' l-oġettivi Komunitarji fil-kamp tas-saħħa ta' l-annimali u dak pubbliku, kif ukoll l-applikazzjoni obbligatorja f'kull Stat Membru fil-każ tal-programmi TSE, jidher xieraq li tiġi ffissata r-rata ta' kontribuzzjoni finanzjarja xierqa sabiex il-Komunità tagħti rimborż għall-ispejjeż li jistgħu ikollhom l-Istati Membri

⁽¹⁾ ĠU L 224, 18.8.1990, p. 19. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni 2006/53/KE (ĠU L 29, 2.2.2006, p. 37).

⁽²⁾ ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1041/2006 (ĠU L 187, 8.7.2006, p. 10).

⁽³⁾ ĠU L 347, 12.12.1990, p. 27. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 92/65/KEE (ĠU L 268, 14.9.1992, p. 54).

⁽⁴⁾ ĠU L 282, 13.10.2006, p. 52.

▼B

kkonċernati għall-miżuri li ssemew f'din id-Deċiżjoni sa ammont massimu għal kull programm.

- (7) Għall-finijiet ta' maniġġjar tajjeb, l-użu iktar effiċjenti tal-fondi Komunitarji u t-trasparenza msaħħa, huma meħtieġa wkoll li jiġu f'fissati għal kull programm, fejn huwa xieraq, ammonti massimi li għandhom jingħataw rimborż lill-Istati Membri għal ċerti spejjeż bħalma huma testijiet, vaċċini differenti użati fl-Istati Membri u kumpens lill-proprietarji minħabba xi telf mit-tbiċċir u l-qatla ta' l-annimali tagħhom.
- (8) Skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni ⁽¹⁾, il-programmi għall-eradikazzjoni u l-kontroll tal-mard ta' l-annimali għandhom jiġu ffinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Garanzija Agrikola. Għal raġunijiet ta' kontroll finanzjarju, għandhom japplikaw l-Artikoli 9, 36 u 37 ta' dan ir-Regolament.
- (9) Il-preżenza ta' l-idrofobija fit-territorji li huma mdawra mill-Unjoni Ewropea ser tikkostitwixxi sors kurrenti ta' infezzjoni kontinwa għaż-żoni fl-inħawi. Huwa għalhekk preferibbli li tiġi eradikata l-idrofobija iktar milli titqiegħed fis-seħħ żona protettiva ta' vaċċinazzjoni li tinsab madwar tali territorju, li jkollu jinżamm għal żmien indeterminat.
- (10) Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għanda tingħata bil-kundizzjoni li l-azzjonijiet ipplanati huma mwettqa b'mod effiċjenti u li l-awtoritajiet kompetenti jipprovdu kull informazzjoni neċessarja fil-limiti taż-żmien stabbiliti f'din id-Deċiżjoni.
- (11) Hemm bżonn li tiġi ċċarata r-rata li għandha tintuża għall-konverżjoni ta' l-applikazzjonijiet għall-pagamenti mressqa f'munita nazzjonali kif definit fl-Artikolu 1(d) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 2799/98 tal-15 ta' Diċembru 1998 li jstabbilixxi l-arranġamenti agrimonetarji għall-ewro ⁽²⁾.
- (12) L-approvazzjoni ta' uħud mill-programmi ma għandhiex tippreġudika deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar regoli għall-eradikazzjoni ta' dan il-mard bażata fuq parir xjentifiku.
- (13) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Animali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

KAPITOLU I

IDROFOBIJA

Artikolu 1

1. Il-programmi ta' l-eradikazzjoni ta' l-idrofobija ppreżentati mir-Repubblika Ċeka, mill-Ġermanja, mill-Estonja, mil-Latvja, mil-Litwanja, mill-Ungerija, mill-Awstrija, mill-Polonja, mis-Slovenja, mis-Slovakkja u mill-Finlandja huma hawhekk approvati għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2007.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha ssir bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż li saru minn kull Stat Membru li jissemmew fil-paragrafu 1 ta' l-ispejjeż tat-testijiet tal-laboratorju u għall-akkwist u d-distribuzzjoni tal-vaċċini u l-lixki għall-programmi u m'għandhomx ikunu ogħla minn:

- (a) EUR 490 000 għar-Repubblika Ċeka;

⁽¹⁾ ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 320/2006 (ĠU L 58, 28.2.2006, p. 42).

⁽²⁾ ĠU L 349, 24.12.1998, p. 1.

▼B

- (b) EUR 850 000 għall-Ġermanja;
- (c) EUR 925 000 għall-Estonja;
- (d) ► **M2** EUR 790 000 ◀ għal-Latvja;
- (e) ► **M2** EUR 900 000 ◀ għall-Ungerija;
- (f) EUR 185 000 għall-Awstrija;
- (g) ► **M2** EUR 4 100 000 ◀ għall-Polonja;
- (h) EUR 375 000 għas-Slovenja;
- (i) EUR 500 000 għas-Slovakkja;
- (j) EUR 112 000 għall-Finlandja.

3. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż tat-testijiet tal-laboratorju li jsiru mil-Litwanja u 100 % ta' l-ispejjeż li għandhom isiru mil-Litwanja għall-akkwist u d-distribuzzjoni tal-vaċċini u l-lixki l barra mit-territorju tagħha u m'għandhiex tkun oġġla minn ► **M2** EUR 450 000 ◀.

4. L-ammonti massimi ta' spejjeż li għandhom jiġu rrimborżati lill-Istati Membri għall-programmi li jissemmew fil-paragrafu 1 m'għandhomx ikunu oġġla minn:

- (a) għall-akkwist ta' doża ta' vaċċin waħda EUR 0.5 għal kull doża għall-programmi I jissemmew fil-paragrafi 2(ċ) u (d); kif ukoll
- (b) għall-akkwist ta' doża ta' vaċċin waħda EUR 0.3 għal kull doża għall-programmi l-oħrajn li jissemmew fil-paragrafi 2 u 3.

KAPITOLU II BRUĊELLOSI BOVINA

Artikolu 2

1. Il-programmi għall-eradikazzjoni tal-bruċellosi bovina ppreżentat minn Spanja, l-Irlanda, l-Italja, Ċipru, l-Portugall u r-Renju Unit huma hawnhekk approvati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2007.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż li jsiru minn kull Stat Membru li jissemmew fil-paragrafu 1 ta' l-ispejjeż tat-testjar tal-laboratorju, il-kumpens lill-proprjetarji għat-telf tagħhom kaġun tat-tbiċċir ta' l-annimali soġġetti għall-programmi u l-akkwist tad-dożi ta' vaċċini u m'għandhiex tkun oġġla minn:

- (a) ► **M2** EUR 5 500 000 ◀ għal Spanja;
- (b) ► **M2** EUR 1 950 000 ◀ għall-Irlanda;
- (c) ► **M2** EUR 3 000 000 ◀ għall-Italja;
- (d) ► **M2** EUR 20 000 ◀ għal Ċipru;
- (e) ► **M2** EUR 1 280 000 ◀ għall-Portugall;
- (f) EUR 1 100 000 għar-Renju Unit.

3. L-ammonti massimi ta' spejjeż li għandhom jiġu rrimborżati lill-Istati Membri għall-programmi li jissemmew fil-paragrafu 1 m'għandhomx ikunu oġġla minn:

- | | |
|--|-------------------------|
| (a) għat-test <i>rose bengal</i> | EUR 0,2 għal kull test; |
| (b) għat-test SAT | EUR 0,2 għal kull test; |
| (c) għat-test <i>compliment fixation</i> | EUR 0,4 għal kull test; |

▼B

- | | |
|--|-------------------------|
| (d) għat-test ELISA | EUR 1 għal kull test; |
| (e) ħall-akkwist ta' doża waħda ta' vaċċin | EUR 0,5 għal kull doża; |

KAPITOLU III
TUBERKULOŻI BOVINA

Artikolu 3

1. Il-programmi għall-eradikazzjoni tat-tuberkulożi bovina ppreżentati minn Spanja, mill-Italja, mill-Polonja u mill-Portugall huma hawnhekk approvati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2007.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż li jsiru minn kull Stat Membru li jissemmew fil-paragrafu 1 ta' l-ispejjeż tat-testjar tat-tuberkulin, l-ispejjeż tat-testijiet tal-laboratorju u l-kumpens lill-proprjetarji għat-telf tagħhom kaġun tat-tbiċċir ta' l-annimali soġġetti għall-programmi u m'għandhiex tkun ogħla minn:

- (a) ► **M2** EUR 8 000 000 ◀ għal Spanja;
- (b) ► **M2** EUR 2 950 000 ◀ għall-Italja;
- (ċ) ► **M2** EUR 1 550 000 ◀ għall-Polonja;
- (d) EUR 450 000 għall-Portugall;

3. L-ammonti massimi ta' spejjeż li għandhom jiġu rrimborżati lill-Istati Membri għall-programmi li jissemmew fil-paragrafu 1 m'għandhomx ikunu ogħla minn:

- | | |
|---------------------------------------|-------------------------|
| (a) għat-test tuberkulin | EUR 0,8 għal kull test; |
| (b) għat-test <i>gamma-interferon</i> | EUR 5 għal kull test. |

KAPITOLU IV
LEWKOŻI ENZOTIKA BOVINA

Artikolu 4

1. Il-programmi għall-eradikazzjoni tal-lewkożi enzotika bovina ppreżentati mill-Estonja, mill-Italja, mil-Latvja, mil-Litwanja, mill-Polonja u mill-Portugall huma hawnhekk approvati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2007.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż li jsiru minn kull Stat Membru li jissemmew fil-paragrafu 1 ta' l-ispejjeż tat-testjar tal-laboratorju u l-kumpens lill-proprjetarji għat-telf tagħhom kaġun tat-tbiċċir ta' l-annimali soġġetti għall-programmi m'għandhiex tkun ogħla minn:

- (a) EUR 20 000 għall-Estonja;
- (b) ► **M2** EUR 1 600 000 ◀ għall-Italja;
- (ċ) ► **M2** EUR 85 000 ◀ għal-Latvja;
- (d) EUR 135 000 għal-Litwanja;
- (e) ► **M2** EUR 4 800 000 ◀ għall-Polonja;
- (f) ► **M2** EUR 425 000 ◀ għall-Portugall.

3. L-ammonti massimi ta' spejjeż li għandhom jiġu rrimborżati lill-Istati Membri għall-programmi li jissemmew fil-paragrafu 1 m'għandhomx ikunu ogħla minn:

▼B

- | | |
|--|-------------------------|
| (a) għat-test ELISA | EUR 0,5 għal kull test; |
| (b) it-test ta' <i>agar gel immune diffusion</i> | EUR 0,5 għal kull test. |

KAPITOLU V

BRUĊELLOSI OVINA U KAPRINA*Artikolu 5*

1. Il-programmi għall-eradikazzjoni tal-bruċellosi ovina u kaprina ppreżentati mill-Greċja, minn Spanja, minn Franza, mill-Italja, minn Ċipru u mill-Portugall huma hawnhekk approvati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2007.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż li jsiru minn kull Stat Membru li jissemmew fil-paragrafu 1 għall-akkwist tal-vaċċini, ta' l-ispejjeż tat-testjar fil-laboratorju u l-kumpens lill-proprjetarji għat-telf tagħhom kaġun tat-tbiċċir ta' l-annimali soġġetti għall-programmi u m'għandhiex tkun ogħla minn:

- (a) ► **M2** EUR 5 900 000 ◀ għal Spanja;
- (b) ► **M2** EUR 570 000 ◀ għal Franza;
- (ċ) ► **M2** EUR 5 000 000 ◀ għall-Italja;
- (d) EUR 120 000 għal Ċipru;
- (e) ► **M2** EUR 1 220 000 ◀ għall-Portugall.

3. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż li jsiru mill-Greċja għall-akkwist tal-vaċċini u s-salrji tal-veterinarji kuntrattwali speċjalment dawk reklutati għal dak il-programm m'għandhiex tkun ogħla minn ► **M2** EUR 200 000 ◀.

4. L-ammonti massimi ta' spejjeż li għandhom jiġu rrimborżati lill-Istati Membri għall-programmi li jissemmew fil-paragrafu 1 m'għandhomx ikunu ogħla minn:

- | | |
|---|-------------------------|
| (a) għat-test <i>rose bengal</i> | EUR 0,2 għal kull test; |
| (b) għat-test <i>compliment fixation</i> | EUR 0,4 għal kull test; |
| (c) għall-akkwist ta' doża waħda ta' vaċċin | EUR 0,1 għal kull doża; |

KAPITOLU VI

IL-BLUETONGUE*Artikolu 6*

1. Il-programmi għall-eradikazzjoni u l-monitoraġġ tal-*bluetongue* ppreżentati minn Spanja, Franza, l-Italja u l-Portugall huma hawnhekk approvati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2007.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha ssir bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż li saru minn kull Stat Membru li jissemmew fil-paragrafu 1 ta' l-ispejjeż tat-testijiet tal-laboratorju viroloġiċi, seroloġiċi u entomoloġiċi u l-akkwist ta' trappoli u tal-vaċċini u m'għandhomx ikunu ogħla minn:

- (a) ► **M2** EUR 8 000 000 ◀ għal Spanja;
- (b) ► **M2** EUR 360 000 ◀ għal Franza;
- (ċ) ► **M2** EUR 1 400 000 ◀ għall-Italja;
- (d) ► **M2** EUR 1 100 000 ◀ għall-Portugall.

▼B

3. L-ammonti massimi ta' spejjeż li għandhom jiġu rrimborżati lill-Istati Membri għall-programmi li jissemmew fil-paragrafu 1 m'għandhomx ikunu ogħla minn:

- (a) għat-test ELISA EUR 2,5 għal kull test;
- (b) għall-akkwist ta' doża waħda ta' vaċċin EUR 0,5 għal kull doża.

KAPITOLU VII

ĊERTU SALMONELLA ŻOONOTIKA FIT-TJUR GĦAT-TROBBIJA*Artikolu 7*

1. Il-programmi ta' kontroll tas-salmonella fit-tjur għat-trobbija ppreżentati mill-Belġju, mir-Repubblika Ċeka, mid-Danimarka, mill-Ġermanja, mill-Estonja, mill-Greċja, minn Spanja, minn Franza, mill-Irlanda, mill-Italja, minn Ċipru, mil-Latvja, mill-Ungerija, mill-Olanda, mill-Awstrija, mill-Polonja, mill-Portugall, u mis-Slovakkja huma hawn-hekk approvati għall-perijodu ta' 1-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2007.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha ssir bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż li saru minn kull Stat Membru li jissemmew fil-paragrafu 1 ta' l-ispejjeż tat-testijiet batterjoloġiċi, il-kumpens lill-proprjetarji għat-telf tagħhom minħabba l-qatla tat-tjur u d-distruzzjoni tal-bajd u x-xiri tad-dożi tal-vaċċini u m'għandhomx ikunu ogħla minn:

- (a) ► **M2** EUR 550 000 ◀ għall-Belġju;
- (b) EUR 330 000 għar-Repubblika Ċeka;
- (ċ) ► **M2** EUR 500 000 ◀ għad-Danimarka;
- (d) EUR 175 000 għall-Ġermanja;
- (e) EUR 27 000 għall-Estonja;
- (f) EUR 60 000 għall-Greċja;
- (g) ► **M2** EUR 960 000 ◀ għal Spanja;
- (h) ► **M2** EUR 550 000 ◀ għal Franza;
- (i) EUR ► **M2** 0 ◀ għall-Irlanda;
- (j) ► **M2** EUR 590 000 ◀ għall-Italja;
- (k) EUR 40 000 għal Ċipru;
- (l) EUR 60 000 għal-Latvja;
- (m) ► **M2** EUR 110 000 ◀ għall-Ungerija;
- (n) EUR 1 350 000 għall-Olanda;
- (o) EUR 80 000 għall-Awstrija;
- (p) EUR 2 000 000 għal Polonja;
- (q) ► **M2** EUR 20 000 ◀ għall-Portugall;
- (r) ► **M2** EUR 50 000 ◀ għas-Slovakkja.

3. L-ammonti massimi ta' l-ispejjeż li għandhom jiġu rrimborżati lill-Istati Membri għall-programmi li jissemmew fil-paragrafu 1 m'għandhomx ikunu ogħla minn:

- (a) Għat-test batterjoloġiku EUR 5,0 għal kull test;
- (b) għall-akkwist ta' doża waħda ta' vaċċin EUR 0,05 għal kull doża.



KAPITOLU VIII

DENI KLASSIKU TAL-MAJJALI U DENI AFRIKAN TAL-MAJJALI

Artikolu 8

1. Il-programmi għall-kontroll u l-monitoraġġ ta':
 - (a) Deni klassiku tal-majjali ppreżentati mill-Ġermanja, Franza, Lussemburgu, Slovenja u Slovakkja huma hawnhekk approvati għall-perijodi mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2007.
 - (b) Deni klassiku tal-majjali u deni Afrikan tal-majjali ppreżentati mill-Italja huma hawnhekk approvati għall-perijodi mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2007.
2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha ssir bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż li saru minn kull Stat membru li jissemmew fil-paragrafu 1 ta' l-ispejjeż tat-testijiet viroloġiċi u seroloġiċi ta' majjali domestiċi u taċ-ċingjali u għall-programmi tal-Ġermanja, Franza u s-Slovakkja kif ukoll għall-akkwist u d-distribuzzjoni tal-vaċċini kif ukoll tal-lixki u m'għandhiex tkun ogħla minn:
 - (a) ► **M2** EUR 1 100 000 ◀ għall-Ġermanja;
 - (b) ► **M2** EUR 650 000 ◀ għal Franza;
 - (ċ) EUR 140 000 għall-Italja;
 - (d) EUR 35 000 għal-Lussemburgu;
 - (e) EUR 25 000 għas-Slovenja;
 - (f) EUR 400 000 għas-Slovakkja.
3. L-ammonti massimi ta' l-ispejjeż li għandhom jiġu rrimborżati lill-Istati Membri għall-programmi li jissemmew fil-paragrafu 1 m'għandhomx ikunu ogħla minn:

(a) għat-test ELISA	EUR 2,5 għal kull test;
(b) għall-akkwist ta' doża waħda ta' vaċċin	EUR 0,5 għal kull doża.

KAPITOLU IX

IL-MARDA TA' AUJESZKY

Artikolu 9

1. Il-programmi għall-eradikazzjoni tal-marda ta' Aujeszky ppreżentati mill-Belġju u minn Spanja huma hawnhekk approvati għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2007.
2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha ssir bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż tat-testijiet tal-laboratorju u m'għandhiex tkun ogħla minn:
 - (a) ► **M2** EUR 350 000 ◀ għall-Belġju;
 - (b) EUR 350 000 għal Spanja;
3. L-ammont massimu ta' l-ispejjeż li għandhom jiġu rrimborżati lill-Istati Membri għall-programmi li jissemmew fil-paragrafu 1 m'għandhomx ikunu ogħla minn EUR 1 għal kull test ELISA.



KAPITOLU X

IL-MARDA TA' L-INFOFET (VEŽIKULARI) TAL-MAJJALI

Artikolu 10

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tal-marda ta' l-infofet (vežikulari) tal-majjali ppreżentat mill-Italja huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2007.
2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha ssir bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż tat-testijiet tal-laboratorju u m'għandhiex tkun ogħla minn ►**M2** EUR 350 000 ◀.

KAPITOLU XI

IL-MARDA TA' L-ILMA FIL-QALB, IL-BABESIJOŽI U L-ANAPLAŽMOŽI (POSEIDOM)

Artikolu 11

1. Il-programmi ta' eradikazzjoni tal-marda ta' l-ilma fil-qalb, tal-babesijoži u l-anapalsmosi (Poseidom) trażmessi mill-insetti fid-dipartimenti esteri Franċiżi tal-Guadaloupe, Martinique u Réunion ippreżentati minn Franza huma hawnhekk approvati għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2007.
2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha ssir bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż li saru minn Franza għall-implimentazzjoni tal-programmi li jissemmew fil-paragrafu 1 u m'għandhiex tkun ogħla minn EUR 50 000.

KAPITOLU XII

PROGRAMMI TA' STĦARRIĠ GħALL-INFLUWENZA TAT-TJUR FIT-TJUR U T-TJUR SALVAĠĠI

Artikolu 12

1. Il-programmi għall-influwenza tat-tjur fit-tjur u t-tjur salvaġġi ppreżentati mill-Belġju, mir-Repubblika Ċeka, mid-Danimarka, mill-Ġermanja, mill-Estonja, mill-Greċja, minn Spanja, minn Franza, mill-Irlanda, mill-Italja, minn Ċipru, mil-Latvja, mil-Litwanja, mil-Lussemburgu, mill-Ungerija, minn Malta, mill-Olanda, mill-Awstrija, mill-Polonja, mill-Portugall, u mis-Slovenja, mis-Slovakkja mill-Finlandja, mill-Iżvezja u mir-Renju Unit huma hawnhekk approvati għall-perijodu ta' l-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2007.
2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għall-ispejjeż ta' analiżi tal-kampjuni għandha ssir bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż li saru minn kull Stat Membru u m'għandhiex tkun ogħla minn:
 - (a) EUR 66 000 għall-Belġju;
 - (b) EUR 74 000 għar-Repubblika Ċeka;
 - (ċ) ►**M2** EUR 310 000 ◀ għad-Danimarka;
 - (d) ►**M2** EUR 460 000 ◀ għall-Ġermanja;
 - (e) EUR 40 000 għall-Estonja;
 - (f) EUR 42 000 għall-Greċja;
 - (g) EUR 82 000 għal Spanja;
 - (h) EUR 280 000 għal Franza;

▼B

- (i) EUR 59 000 għall-Irlanda;
- (j) ►**M2** EUR 900 000 ◀ għall-Italja;
- (k) EUR 15 000 għal Ċipru;
- (l) EUR 15 000 għal-Latvja;
- (m) EUR 12 000 għall-Litwanja;
- (n) ►**M2** EUR 15 000 ◀ għal-Lussemburgu;
- (o) EUR 110 000 għall-Ungerija;
- (p) EUR 5 000 għal Malta;
- (q) EUR 126 000 għall-Olanda;
- (r) EUR 42 000 għall-Awstrija;
- (s) EUR 87 000 għall-Polonja;
- (t) ►**M2** EUR 46 000 ◀ għall-Portugall;
- (u) EUR 32 000 għas-Slovenja;
- (v) EUR 21 000 għas-Slovakkja.
- (w) EUR 27 000 għall-Finlandja;
- (x) ►**M2** EUR 200 000 ◀ għall-Iżvezja;
- (y) ►**M2** EUR 1 125 000 ◀ għar-Renju Unit.

3. L-ammonti massimi ta' l-ispejjeż li għandhom jiġu rrimborżati lill-Istati Membri għat-testijiet koperti mill-programmi m'għandhomx ikunu oġġla minn:

(a) test ELISA:	EUR 1 għal kull test;
(b) test <i>agar gel immune diffusion</i> :	EUR 1,2 għal kull test;
(c) HI test għall-H5/H7:	EUR 12 għal kull test;
(d) test ta' iżolazzjoni virali:	EUR 30 għal kull test;
(e) test PCR:	EUR 15 għal kull test.

KAPITOLU XIII

**MONITORAĠĠ TA' L-ENĊEFALOPATIJI SPONĠIFORMI
TRAŻMISSIBBLI***Artikolu 13*

1. Il-programmi għall-monitoraġġ ta' l-enċefalopatiji sponġiformi trażmissibbli (TSEs) ppreżentati mill-Belġju, mir-Repubblika Ċeka, mid-Danimarka, mill-Ġermanja, mill-Estonja, mill-Greċja, minn Spanja, minn Franza, mill-Irlanda, mill-Italja, minn Ċipru, mil-Latvja, mil-Litwanja, mil-Lussemburgu, mill-Ungerija, minn Malta, mill-Olanda, mill-Awstrija, mill-Polonja, mill-Portugall, u mis-Slovenja, mis-Slovakkja mill-Finlandja, mill-Iżvezja u mir-Renju Unit huma hawn-hekk approvati għall-perijodu ta' l-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2007.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha ssir bir-rata ta' 100 % ta' l-ispejjeż li saru minn kull Stat Membru li jissemmew fil-paragrafu 1 għall-implimentazzjoni ta' dawn il-programmi u m'għandhomx ikunu oġġla minn:

- (a) EUR 2 084 000 għall-Belġju;
- (b) ►**M2** EUR 1 320 000 ◀ għar-Repubblika Ċeka;
- (c) ►**M2** EUR 1 950 000 ◀ għad-Danimarka;

▼B

- (d) EUR 11 307 000 għall-Ġermanja;
- (e) EUR 233 000 għall-Estonja;
- (f) ►**M2** EUR 1 650 000 ◀ għall-Greċja;
- (g) ►**M2** EUR 9 100 000 ◀ għal Spanja;
- (h) EUR 24 815 000 għal Franza;
- (i) ►**M2** EUR 6 410 000 ◀ għall-Irlanda;
- (j) ►**M2** EUR 3 000 000 ◀ għall-Italja;
- (k) ►**M2** EUR 530 000 ◀ għal Ċipru;
- (l) EUR 312 000 għal-Latvja;
- (m) EUR 645 000 għal-Litwanja;
- (n) EUR 146 000 għal-Lussemburgu;
- (o) EUR 784 000 għall-Ungerija;
- (p) EUR 90 000 għal Malta;
- (q) EUR 5 112 000 għall-Olanda;
- (r) EUR 1 759 000 għall-Awstrija;
- (s) ►**M2** EUR 244 000 ◀ għall-Polonja;
- (t) ►**M2** EUR 2 940 000 ◀ għall-Portugall;
- (u) EUR 308 000 għas-Slovenja;
- (v) ►**M2** EUR 610 000 ◀ għas-Slovakkja.
- (w) EUR 839 000 għall-Finlandja;
- (x) EUR 2 020 000 għall-Iżvezja;
- (y) EUR 6 781 000 għar-Renju Unit.

3. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità tal-programmi li jissemmew fil-paragrafu 1 għandha sservi għat-testijiet li saru u l-ammont massimu li għandu jitħallas m'għandux ikun ogħla minn:

- (a) EUR 6 għal kull test li sar fuq l-animali bovini li jissemmew fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;
- (b) EUR 30 għal kull test li sar fuq l-animali ovini u kaprini li jissemmew fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;
- (ċ) EUR 50 għal kull test li sar fuq iċ-ċriev li jissemmew fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;
- (d) EUR 145 għal kull test, għat-testijiet diskriminatorji molekulari primarji li saru kif jissemma fl-Anness X, Kapitolu C, punt 3.2(ċ) (i) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001.

KAPITOLU XIV

ERADIKAZZJONI TA' L-ENĊEFALOPATIJI SPONĠIFORMI BOVINI*Artikolu 14*

1. Il-programmi għall-eradikazzjoni ta' l-enċefalopatiji sponġiformi bovini ppreżentati mill-Belġju, mir-Repubblika Ċeka, mid-Danimarka, mill-Ġermanja, mill-Estonja, mill-Greċja, minn Spanja, minn Franza, mill-Irlanda, mill-Italja, mil-Lussemburgu, mill-Olanda, mill-Awstrija, mill-Polonja, mill-Portugall, u mis-Slovenja, mis-Slovakkja mill-Finlandja u mir-Renju Unit huma hawnhekk approvati għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2007.

▼B

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għall-programmi li jissemmew fil-paragrafu 1 għandhom isiru bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż imħallsa mill-Istati Membri kkonċernati bħala kumpens lill-proprietarji għall-valur tal-bhejjem tagħhom li ġew maqtula jew meqruda fi qbil mal-programm tagħhom għall-eradikazzjoni, sa massimu ta' EUR 500 għal kull animal u m'għandhiex tkun ogħla minn:

- (a) EUR 50 000 għall-Belġju;
- (b) EUR 750 000 għar-Repubblika Ċeka;
- (ċ) EUR 51 000 għad-Danimarka;
- (d) ►**M2** EUR 50 000 ◀għall-Ġermanja;
- (e) EUR 98 000 għall-Estonja;
- (f) EUR 750 000 għall-Greċja;
- (g) ►**M2** EUR 413 000 ◀ għal Spanja;
- (h) EUR 50 000 għal Franza;
- (i) ►**M2** EUR 70 000 ◀ għall-Irlanda;
- (j) ►**M2** EUR 65 000 ◀ għall-Italja;
- (l) EUR 100 000 għal-Lussemburgu;
- (m) EUR 60 000 għall-Olanda;
- (n) EUR 48 000 għall-Awstrija;
- (o) ►**M2** EUR 530 000 ◀ għall-Polonja;
- (p) ►**M2** EUR 45 000 ◀ għall-Portugall;
- (q) EUR 25 000 għas-Slovenja;
- (r) EUR 250 000 għas-Slovakkja;
- (s) EUR 25 000 għall-Finlandja;
- (t) EUR 347 000 għar-Renju Unit.

KAPITOLU XV

ERADIKAZZJONI TA' L-ISCRAPIE*Artikolu 15*

1. Il-programmi għall-eradikazzjoni ta' l-iscrapie ppreżentati mill-Belġju, mir-Repubblika Ċeka, mill-Ġermanja, mill-Estonja, mill-Greċja, minn Spanja, minn Franza, mill-Irlanda, mill-Italja, minn Ċipru, mill-Lussemburgu, mill-Ungerija, mill-Olanda, mill-Awstrija, mill-Portugall, u mis-Slovenja, mis-Slovakkja mill-Finlandja mill-Iżvezja u mir-Renju Unit huma hawnhekk approvati għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2007.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għall-programmi li jissemmew fil-paragrafu 1 għandhom isiru bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż imħallsa mill-Istati Membri kkonċernati bħala kumpens lill-proprietarji għall-valur tal-bhejjem tagħhom li ġew maqtula jew distrutti fi qbil mal-programm tagħhom għall-eradikazzjoni, sa massimu ta' EUR 100 għal kull animal u bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż ta' l-analiżi tal-kampjuni għall-*genotyping*, sa massimu ta' EUR 10 għal kull test tal-*genotyping* u m'għandhiex tkun ogħla minn:

- (a) EUR 99 000 għall-Belġju;
- (b) EUR 107 000 għar-Repubblika Ċeka;
- (ċ) ►**M2** EUR 827 000 ◀ għall-Ġermanja;

▼B

- (d) EUR 13 000 għall-Estonja;
- (e) ►**M2** EUR 516 000 ◀ għall-Greċja;
- (f) ►**M2** EUR 4 500 000 ◀ għal Spanja;
- (g) EUR 8 862 000 għal Franza;
- (h) ►**M2** EUR 279 000 ◀ għall-Irlanda;
- (i) ►**M2** EUR 620 000 ◀ għall-Italja;
- (j) ►**M2** EUR 1 280 000 ◀ għal Ċipru;
- (k) EUR 28 000 għal-Lussemburgu;
- (l) ►**M2** EUR 232 000 ◀ għall-Ungerija;
- (m) EUR 543 000 għall-Olanda;
- (n) EUR 14 000 għall-Awstrija;
- (o) ►**M2** EUR 41 000 ◀ għall-Portugall;
- (p) EUR 83 000 għas-Slovenja;
- (q) ►**M2** EUR 179 000 ◀ għas-Slovakkja.
- (r) EUR 11 000 għall-Finlandja;
- (s) EUR 6 000 għall-Iżvezja;
- (t) ►**M2** EUR 5 178 000 ◀ għar-Renju Unit.

KAPITOLU XVI

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI

Artikolu 16

1. Il-programmi li jissemmew fl-Artikoli 2 sa 5 u 7, l-ispejjeż eliġibbli għall-kumpens tat-telf minħabba tbiċċir u l-qtil ta' l-annimali għandhom ikunu limitati kif inhu previst fil-paragrafi 2 u 3.

2. Il-medja tal-kumpens li għandu jiġi rrimborżat lill-Istati Membri għandu jiġi kkalkolat skond in-numru ta' l-annimali li ġew imbiċċra jew maqtula fl-Istat Membru u:

- (a) għall-annimali bovini, sa massimu ta' EUR 300 għal kull animal;
- (b) għan-nagħaġ u l-mogħoż, sa massimu ta' EUR 35 għal kull animal;
- (ċ) għat-tjur għat-trobbija, sa massimu ta' EUR 2,5 għal kull animal.

3. L-ammont massimu ta' kumpens li għandu iġi rimbursat lill-Istati Membri għal kull animal singolu m'għandux ikun ogħla minn EUR 1 000 għal kull animal bovin u ta' EUR 100 għal kull nagħġa jew mogħża.

▼M1*Artikolu 17*

In-nefqa ppreżentata mill-Istati Membri għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha tingħata f'ewro u għandha teskludi t-taxxa fuq il-valur miżjud u taxxi oħra.

Artikolu 18

Meta n-nefqa ta' Stat Membru tkun f'munita li mhux l-ewro, l-Istat Membru kkonċernat għandu jikkonvertiha f'ewro billi japplika r-rata l-aktar reċenti stabbilita mill-Bank Ċentrali Ewropew qabel l-ewwel jum tax-xahar li fih l-applikazzjoni titressaq mill-Istat Membru.



Artikolu 19

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għall-programmi li jissemmew fl-Artikoli 1 sa 15 għandhom jingħataw bil-kondizzjoni li l-Istati Membri jimplimentaw il-programmi fi qbil mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi Komunitarja, inklużi r-regoli tal-kompetizzjoni u l-aġġudikazzjoni tal-kuntratti pubbliċi, u soġġetti għall-kondizzjonijiet previsti fil-punti (a) sa (f):

- (a) jinġiebu fis-seħħ sa l-1 ta' Jannar 2007 l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi mill-Istat Membru kkonċernat għall-implimentazzjoni tal-programm;
- (b) it-tressiq sa mhux iktar tard mill-1 ta' Ġunju 2007, il-valutazzjoni preliminari teknika u finanzjarja tal-programm, fi qbil ma' l-Artikolu 24(7) tad-Deċiżjoni 90/42/KEE;
- (ċ) għall-programmi li jissemmew fl-Artikoli 1 sa 11, it-tressiq ta' rapport intermedju, li jkopri l-ewwel sitt xhur tal-programm, sa mhux iktar minn tard minn erba' ġimgħat mit-tmiem tal-perijodu ta' l-implimentazzjoni kopert mir-rapport;
- (d) għall-programmi li jissemmew fl-Artikolu 12, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni ir-riżultati pożittivi u negattivi ta' l-investigazzjonijiet osservati matul is-sorveljanza tat-tjur u tjur salvaġġi kull tliet xhur sa l-aħħar tax-xahar li jmiss;
- (e) għall-programmi li jissemmew fl-Artikoli 13 sa 15, it-tressiq ta' rapport lill-Kummissjoni kull xahar dwar il-progress tal-programm ta' monitoraġġ tat-TSE u l-ispejjeż imħallsa mill-Istati Membri; dan ir-rapport għandu jitressaq fi żmien ta' erba' ġimgħat mit-tmiem tax-xahar kopert mir-rapport;
- (f) it-tressiq ta' rapport finali sa mhux aktar tard mill-1 ta' Ġunju 2008, dwar l-eżekuzzjoni teknika tal-programm li huwa akkumpanjat minn evidenza ġustifikanti dwar l-ispejjeż imħallsa mill-Istat Membru u r-riżultati miksuba matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2007.
- (g) id-dettalji ta' l-ispejjeż imħallsa mill-Istati Membri kif jissemmew fil-punt (d) u (e) għandhom jiġu pprovduti fil-forma skond it-tabella inkluża fl-Annessi I u II;
- (h) l-implimentazzjoni effettiva tal-programm;
- (i) ebda kontribuzzjoni Komunitarja oħra ma' ġiet jew ser tiġi rikjesta għal dawn il-miżuri.

2. Meta Stat Membru ma jikkonformax mal-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tnaqqas il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità wara li tikkunsidra n-natura u l-gravità ta' l-infrazzjoni, u t-telf finanzjarju għall-Komunità.

Artikolu 20

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2007.

Artikolu 21

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil-Istati Membri.



ANNEX I

Rapport finanzjarju finali u applikazzjonijiet għall-pagamenti kif jissemmew fil-punt (g) ta' l-Artikolu 19(1)

Tabella waħda għal kull stħarriġ fit-tjur/fit-tjur salvaġġi (*)

Stat Membru: Data:
 Rappurtar mill-: sa:

Miżuri li huma eliġibbli għall-kofinanzjament (*)

Metodi ta' analiżi fil-laboratorju	Numru ta' testijiet mwettqa' għal kull metodu	Spejjeż
Pre-skrining sieroloġiku (†)		
Haemagglutination-inhibition-test (HI) għall- H5/H7		
Test ta' iżolazzjoni virali		
Test PCR		
Miżuri oħrajn li għandhom jiġu koperti	Speċifika l-attivitajiet	
Kampjunar		
Oħrajn		
Total		

B'dan niċċertifika li d-data mghotja hawn fuq hija korretta u li ebda kontribuzzjoni Komunitarja oħra ma ġiet rikjesta għal dawn il-miżuri.

(*) Immarka kif jixraq.

(†) Data li għandha tingħata fil-munita nazzjonali, eskluża l-VAT(Post, Data).

(‡) Jekk jogħġbok indika t-test użat (Firma).



ANNEX II

Mudell tal-formula kompjuterizzata ta' l-ispejjeż imħallsa mill-Istati Membri kif jissewma fil-punt (g) ta' l-Artikolu 19(1)

Monitoraġġ tat-TSE			
Stat Membru:	Xahar:	Sena:	
Testijiet fuq animali bovini			
	Numru tat-testijiet	Spiża għal kull unità	Spiża totali
Testijiet fuq animali msemija fl-Anness III, Kapitolu A, Parti I, punti 2.1,3 u 4.1 għar-Regolament (KE) Nru 999/2001			
Testijiet fuq animali msemija fl-Anness III, Kapitolu A, Parti I, punti 2.2, 4.2 u 4.3 għar-Regolament (KE) Nru 999/2001			
Total			
Testijiet fuq animali ovini			
	Numru tat-testijiet	Spiża għal kull unità	Spiża totali
Testijiet fuq animali msemija fl-Anness III, Kapitolu A, Parti II, punt 2(a) għar-Regolament (KE) Nru 999/2001			
Testijiet fuq animali msemija fl-Anness III, Kapitolu A, Parti II, punt 3 għar-Regolament (KE) Nru 999/2001			
Testijiet fuq animali msemija fl-Anness III, Kapitolu A, Parti II, punt 5 għar-Regolament (KE) Nru 999/2001			
Total			
Testijiet fuq animali kaprini			
	Numru tat-testijiet	Spiża għal kull unità	Spiża totali
Testijiet fuq animali msemija fl-Anness III, Kapitolu A, Parti II, punt 2(b) għar-Regolament (KE) Nru 999/2001			
Testijiet fuq animali msemija fl-Anness III, Kapitolu A, Parti II, punt 3 għar-Regolament (KE) Nru 999/2001			
Testijiet fuq animali msemija fl-Anness III, Kapitolu A, Parti II, punt 5 għar-Regolament (KE) Nru 999/2001			
Total			
Ittestjar primarju molekulari b'immuno-blotting diskriminatorju			
	Numru tat-testijiet	Spiża għal kull unità	Spiża totali
Testijiet fuq animali msemija fl-Anness X, Kapitolu C, punt 3.2 (c) (i)			
Testijiet fuq Ċriev			
	Numru tat-testijiet	Spiża għal kull unità	Spiża totali
Testijiet fuq animali li jissewma fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 999/2001			